MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2008

Avviz Numru. 73/2003

**HSBC Bank Malta plc**

**Vs**

**Emanuel Camilleri u LisaMay Camilleri**

**It-Tribunal,**

Ra l-**Avviz** fl-ismijiet premessi pprezentat fil- 15 ta' Jannar, 2003 fejn gie premess illi l-Bank attur ikkonceda facilitajiet finanzjarji lil konvenuti : (1) elf, mija u wiehed u ghoxrin Liri Maltin (Lm1121) huma dovuti fuq ST Overdraft Account numru 040-094286-340 (Dok A), (2) seba` u ghoxrin Lira Maltin (Lm27) huma dovuti fuq Current Account numru 040-094286-001 (Dok B), (3) mija u erba` Liri Maltin (Lm104) huma dovuti fuq Overdraft Account numru 040-060949-340 ghal Visa f'isem Lisa May Camilleri (Dok C).

Ghalkemm interpellati anki permezz ta' ittra uffijcali datata 19 ta' Frar 2002, sabiex ihallsu l-konvenuti baqghu inadempjenti (Dok D). Qed issir din il-kawza ghal hlas bl-interessi mit-28 ta' Awissu 2002 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez kontra l-istess konvenuti.

Ra r-**Risposta** ta' Emanuel Camilleri tal-4 ta' Frar, 2003 fejn gie eccepit illi l-konvenuti huma legalment separati b'kuntratt tat-13 ta' Novembru 2001, f'liema kuntratt il-konvenuta obbligat ruhha li thallas id-dejn (self) dovut lill-HSBC Bank Malta p.l.c.

Ra r-**Risposta** ta' Lisa May Camilleri tas-7 ta' Frar 2003 fejn gie eccepit illi l-ammont pretiz ma hux kollu 'dovut', u illi l-obbligazzjonijiet kontrattwali mal-bank attrici huma in solidum bejn il-partijiet ossia bejn il-konvenut.

Ra x-xhieda u d-dokumenti kollha esebiti.

Ra illi l-kawza thalliet ghal-lum ghad-decizjoni.

Ikkunsidra :

Illi l-Prokuratur Legali Adrian Borg ghall-Bank attur spjega meta xehed (18/03/03) illi l-ammont riklamat jirrapprezenta elf, mija u wiehed u ghoxrin Liri Maltin (Lm1121) overdraft account f'isem iz-zewg konvenuti, sebgha u ghoxrin Liri Maltin (Lm27) kont kurrenti f'isem iz-zewg konvenuti u mija u erba` Liri Maltin (Lm104) f'isem il-konvenuta Lisa-May Camilleri.

Illi b'sentenza mhux appellata tal-Prim Awla tal-Qorti Civili tal-24 ta' Novembru 2006 (*Citazzjoni 632/03GCD*) fl-ismijiet **Emanuel Camilleri vs Lisa sive Lisa May Camilleri**, gie deciz illi l-imsemmija Lisa May Camilleri thallas sehem li jkun daqs elf Liri Maltin (Lm1000) u nofs il-bqija tal-bilanc tad-dejn mal-Bank attur, flimkien ma' l-imghaxijiet relattivi mit-13 ta' Novembru 2001 sa` meta jsir il-hlas, kif ukoll l-ispejjes u drittijiet tal-Bank f'dawn il-proceduri u sehem l-attur (hawnekk co-konvenut Emanuel Camilleri) mill-ispejjes relatati ma' din il-kawza.

Illi fis-seduta tat-30 ta' Ottubru 2007, d-difensuri tal-partijiet qabblu illi dan it-Tribunal jghaddi ghad-decizjoni a bazi ta' l-imsemmija sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili.

Illi ghalhekk il-pretensjoni tal-Bank attur tinsab ppruvata bix-xhieda tal-Prokuratur Legali Adrian Borg, inoltre` mhux kontradetta.

Illi oltre` dan, it-Tribunal ser jadotta s-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili kif hawn fuq msemmi.

Ghaldaqstant, tenut kont dawn il-konsiderazzjonijiet, it-Tribunal qieghed jaqta` u jiddeciedi billi jilqa` t-talba attrici fil-konfront tal-konvenut Emanuel Camilleri limitatament ghas-somma ta' mitejn u tlieta u disghin Euro u hamsin Euro centezmi (€293.50) (Lm126) bil-imghax kif mitlub fl-Avviz fuq dan l-ammont, u fil-konfront tal-konvenuta limitatament ghas-somma ta' elfejn, sitt mija u tnejn u ghoxrin Euro u sebgha u tmenin Euro centezmi (€2622.87) (Lm1126), bl-imghax mit-13 ta' Novembru 2001 fuq dan l-ammont li hi qed tigi kkundannata thallas.

L-ispejjes kollha ta' din l-istanza ghandhom jigu sopportati mill-konvenuta Lisa May Camilleri.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------